**6 ta' April, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. *Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.* – *President***
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Dr. Mark Fenech *noe*

*versus*

Jean Clark

**Ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin – Ċittadinanza – Dominċilju – Obbligazzjoni li bil-fors għandu jkollha effett f'Malta – Persuna tinsab f'Malta**

*Kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' bejgħ ta' azzjonijiet. Ġiet eċċepita n-nuqqas ta' Ġurisdizzjoni tal-Qrati tagħna għaliex il-partijiet it-tnejn ċittadini Ingliżi.*

*Il-kriterju għall-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fl-art. 742 m'huwiex tant iċ-ċittadinanza imma d-domiċilju tal-persuna konvenuta.*

*Billi l-obbligazzjoni kienet bejgħ jew trasferiment ta' azzjonijiet ta' kumpanija Maltija u għalhekk dan it-trasferiment bil-fors ikollu effett f'xi mument f'Malta u eventwalment jiġi hawn irreġistrat u (b) il-konvenuta tinsab Malta, ma setax ikun dubju li l-ġurisdizzjoni kellha tiġi eżerċitata.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Din il-kawża quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ kienet għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallas is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u erba' liri u tlettax-il ċenteżmu (Lm21,904.13,0) bilanċ ta' bejgħ ta' azzjonijiet tal-kumpanija *Health Farm Limited;*

L-istess konvenuta opponiet illi (a) dik il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni għall-kawża billi l-partijiet huma t-tnejn ċittadini Ingliżi, il-ftehim sar l-Ingilterra u l-ħlas kellu jsir l-Ingilterra, f'munita Ingliża; (b) l-ammont mitlub m'huwiex preċiż, u (ċ) l-interessi jammontaw għal użura għaliex jeċċedu r-rata preskritta mil-liġi;

Is-sentenza tal-25 ta' Jannar, 1989, stabbiliet illi l-Qorti tal-Kummerċ għandha ġurisdizzjoni skond dak li jiddisponi l-artikolu 742(1)(ċ) tal-Kap. 12 peress li l-kawża tittratta dwar ħwejjeġ li jinsabu f'Malta;

Il-konvenuta appellat għaliex l-azzjonijiet mibjugħa, billi huwa ta' kumpanija rreġistrata Malta, ma jfissirx li dawk l-azzjonijiet qegħdin Malta;

L-eċċezzjoni ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta hija dejjem kwistjoni ta' ordni pubbliku. Għal din ir-raġuni, l-istess qrati għandhom l-obbligu li jikkonsidraw il-materja rrispettivament minn dak li jagħmlu, jew jommettu li jagħmlu, il-partijiet;

Dak li qed jintalab fil-kawża huwa l-bilanċ ta' prezz ta' azzjonijiet f'kumpanija maltija u d-dokument C huwa ntitolat "*Share transfer*". Miegħu ġie ukoll iffirmat dokument ieħor li jissejjaħ "*Addendum*" li jawtorizza t-trasferiment ta' l-azzjonijiet

għalkemm il-prezz kollu ma kienx tħallas;

Kif jidher mill-artikolu 742 Kap. 12 il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-qrati hija determinata mill-persuni li jkunu partijiet in kawża. Il-kriterju m'huwiex tant iċ-**ċittadinanza** imma d-**domiċilju** tal-persuna konvenuta quddiem il-qrati, tant illi anki ċittadin malti li huwa ddomiċiljat barra minn Malta, ma jaqax fil-ġurisdizzjoni;

Il-konvenuta ma eċċepietx illi hija mhix domiċiljata Malta imma li mhix ċittadina maltija;

L-artikolu 742(1)(f) jiddisponi li l-qrati għandhom ġurisdizzjoni f'kawża kontra:

"kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'*pajjiż ieħor*, iżda *tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni* f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi **bilfors għandu jkollha effett f'Malta**, u **kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab f'Malta**";

Konsegwentement billi (a) l-obbligazzjoni hija l-bejgħ jew trasferiment ta' azzjonijiet ta' kumpanija Maltija u għalhekk dan it-trasferiment bilfors għandu jkollu effett f'xi mument f'Malta u, eventwalment, jiġi hawn irreġistrat; u (b) il-konvenuta tinsab Malta – ma jistax ikun hemm dubju li l-ġurisdizzjoni għandha tiġi eżerċitata;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell tal-konvenuta ma jistax jiġi milqugħ, u l-eċċezzjoni tagħha ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni trid tiġi respinta anki jekk mhux għar-raġunijiet imsemmija fis-sentenza appellata;

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, ta' l-ewwel istanza għall-konvenuta però dawk ta' l-appell jibqgħu mingħajr taxxa, għar-raġuni illi l-attur segwa l-ewwel deċiżjoni.